

**Domandi preliminari**

- (1) Hija kompatibbli mal-Artikoli 17 u 20 tas-Sitt Direttiva <sup>(1)</sup>, dispożizzjoni ta' liġi ta' Stat Membru, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008, wara li nħoloq id-dritt għal tnaqqis, u li, għall-finijiet tat-tnaqqis ta' VAT imħallsa u ddikjarata fir-rigward ta' provvisti ta' oġġetti jew servizzi magħmula matul is-sena finanzjarja 2007, tirrikjedi bidla fil-kontenut tal-fatturi u l-preżentata ta' dikjarazzjoni addizzjonali?
- (2) Hija kompatibbli mal-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, u, b'mod partikolari, hija oġġettivament iġġustifikata, raġonevoli, proporzjonata u konsistenti mal-prinċipju ta' ċertezza legali, il-miżura stipulata fl-Artikolu 269(1) tal-liġi ġdida dwar il-VAT, li skontha, jekk ir-rekwiżiti previsti f'dan l-artikolu jkunu sodisfatti, id-drittijiet u l-obbligi għandhom jiġu evalwati u applikati skont id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi l-ġdida, anki meta dawn inħolqu qabel id-dħul fis-seħħ tagħha, fit-terminu ta' preskrizzjoni?

<sup>(1)</sup> Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1.)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvyšší správní soud (Ir-Repubblika Ċeka) fil-5 ta' Ottubru 2009 — Bezpečnostní softwarová asociace — Svaz softwarové ochrany vs Ministeru tal-Kultura

(Kawża C-393/09)

(2010/C 11/24)

Lingwa tal-kawża: Iċ-Ċek

**Qorti tar-rinviju**

Nejvyšší správní soud

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Bezpečnostní softwarová asociace — Svaz softwarové ochrany

Konvenut: Ministeru tal-Kultura

**Domandi preliminari**

- (1) L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/250/KEE, tal-14 ta' Mejju 1991, dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter <sup>(1)</sup> għandu jiġi interpretat fis-sens li, għall-finijiet tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur fuq programm tal-

kompjuter, bħala xogħol protett mid-drittijiet tal-awtur skont l-imsemmija direttiva, "espressjoni f'kull forma ta' programm tal-kompjuter" għandha tfisser ukoll user interface grafiku ta' programm tal-kompjuter jew parti minnu?

- (2) Fil-każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda, xandir televiżiv li jippermetti lill-pubbliku, perċezzjoni sensorjali tal-user interface grafiku ta' programm tal-kompjuter, jew parti minnu, għalkemm mingħajr il-possibbiltà ta' kontroll attiv ta' dan il-programm, huwa komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħol protett mid-drittijiet tal-awtur, jew ta' parti minnu, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni <sup>(2)</sup>?

<sup>(1)</sup> ĠU L 122, tas-17 ta' Mejju 1991, p. 42; edizzjoni speċjali biċ-Ċek, Kapitolu 17, Taqsima 1, p. 114.

<sup>(2)</sup> ĠU L 167, tat-22 ta' Ġunju 2001, p. 10; edizzjoni speċjali biċ-Ċek, Kapitolu 17, Taqsima 1, p. 230.

Appell ippreżentat fit-3 ta' Ottubru 2009 minn Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE mid-digriet mogħti mill-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) fit-2 ta' Lulju 2009 fil-Kawża T-279/06, Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE vs Il-Bank Ċentrali Ewropew

(Kawża C-401/09 P)

(2010/C 11/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellanti: Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (rappreżentanti: N. Korogiannakis u M. Dermizakis, Δικηγόροι)

Appellat: Il-Bank Ċentrali Ewropew

**Talbiet tal-appellanti**

— tirrevoka d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew li permezz tagħha huwa kkunsidra b'mod sfavorevoli l-offerta tal-appellanti u ta l-kuntratt lill-kuntrattur magħżul;